**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja"**

*COM(2011) 844 — 2011/0412 (COD)*

(2013/C 11/17)

Relatur ġenerali: **is-Sur IULIANO**

Nhar il-25 ta' Lulju 2012, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja*

COM(2011)844 – 2011/0412(COD)

Nhar is-17 ta' Settembru 2012, il-Bureau tal-Kumitat ta struzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma (Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-484 sessjoni plenarja tiegħu tal-14 u l-15 ta' Novembru 2012 (seduta tal-15 ta' Novembru) li jaħtar lis-Sur Iuliano bħala relatur ġenerali, u adotta din l-Opinjoni b'152 voti favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE japprezza l-firxa wiesgħa tad-drittijiet koperti mill-emendi tal-PE, b'enfasi partikolari fuq il-kwistjonijiet tal-ġeneru, id-drittijiet tal-migranti, il-ħtieġa li tiġi assigurata l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà, u d-drittijiet tal-minoranzi.

1.2 Il-KESE jappoġġja r-referenza għal approċċ globali li l-Unjoni għandha tadotta meta titratta d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, fosthom l-indiviżibbiltà tagħhom ([1]). Fuq din il-bażi, il-KESE jitlob li tingħata aktar importanza lid-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali; il-ħarsien tal-istandards tax-xogħol imniżżla fil-konvenzjonijiet tal-ILO issa huwa aktar minn qabel pilastru ewlieni għall-iżvilupp tad-demokrazija.

1.3 Il-KESE jappoġġja l-inklużjoni tad-dritt għax-xogħol u t-tgawdija ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u favorevoli, fosthom il-formazzjoni ta' trejdjunjins u s-sħubija magħhom marbutin mal-promozzjoni ta' standards essenzjali tax-xogħol u r-responsabbiltà soċjali korporattiva ([2]). Dwar l-aħħar punt, għandha ssir referenza espliċita għall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozji u d-Drittijiet tal-Bniedem ([3]). Il-KESE jappoġġja wkoll il-promozzjoni tad-dritt tal-libertà intraprenditorjali.

1.4 Fuq din il-bażi, għandhom jissemmew b'mod espliċitu l-libertà tal-assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv, kif ukoll l-appoġġ għall-imsieħba soċjali u għad-djalogu soċjali biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tax-xogħol.

1.5 Il-KESE huwa sodisfatt li qed tingħata importanza akbar lill-iżvilupp ta' soċjetà ċivili indipendenti, li ser tikkontribwixxi għad-demokratizzazzjoni u l-proċessi ta' governanza tajba fosthom ir-responsabbiltà domestika ([4]). Għaldaqstant, ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jingħata prijorità u għandu jissaħħaħ b'dan ir-regolament (fil-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali), inkluż il-parteċipazzjoni diretta tagħhom fid-djalogu ta' politiki waqt il-proċess ta'programmazzjoni ([5]).

1.6 Il-KESE jiddefendi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tad-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi msieħba peress li dawn id-delegazzjonijiet dejjem aktar qed jiġu bżonn għarfien espert rilevanti fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u tal-appoġġ għad-demokrazija, kif ukoll familjarità mal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili ([6]). Barra minn hekk, ir-rwol tad-delegazzjonijiet ser ikun kruċjali biex jiżgura koerenza ma' strumenti oħra tar-relazzjonijiet esterni tal-UE bħad-DCI jew il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fir-rigward tal-appoġġ għas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali.

1.7 Il-KESE jappoġġja l-appell għal proċeduri aktar flessibbli li għandhom ikunu aċċessibbli biżżejjed għall-benefiċjarji u għandhom iwasslu għal tnaqqis fil-piż amministrattiv (speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza) ([7]).

---

([1]) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew għall-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, Kumitat għall-Affarijiet Barranini, relatur: Alexander Graf Lambsdorff". Paragrafu 6.

([2]) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew Artikolu 2(1)(b)(ix).

([3]) http://www.ohchr.org/documents/issues/business/A.HRC.17.31.pdf.

([4]) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew, Paragrafu 9.

([5]) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew, Paragrafu 11a.

([6]) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew, Paragrafu 15a.

([7]) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew, Paragrafu 16d.

1.8 Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġi involut ukoll fil-proċess ta' programmazzjoni tal-istrument, b'mod speċjali fil-programmazzjoni strateġika annwali u pluriennali u fil-valutazzjonijiet u r-reviżjoni ta' nofs it-term.

## 2. **Sfond**

2.1 Wara konsultazzjoni mill-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ħejja din l-Opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal *Regolament li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja* [8].

2.2 Bħalissa din il-proposta qed tiġi studjata mill-Parlament Ewropew (PE) [9] skont il-proċedura tal-kodeċiżjoni, fl-ewwel qari.

2.3 F'dan il-kuntest, il-PE diġà ppropona diversi emendi li ser ikunu soġġetti għan-negozjati bejn il-PE u l-Kunsill. L-adozzjoni finali tar-regolament propost hija skedata għall-2013, u tidħol fis-seħħ fl-2014.

2.4 Dan ir-regolament huwa maħsub li jieħu post il-bażi legali attwali tal-istrument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (EIDHR) [10], l-istrument finanzjarju tal-UE ddedikat għall-appoġġ tal-attivitajiet li huma favur il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-pajjiżi terzi.

2.5 Il-KESE ħadem reċentement fuq dan is-suġġett billi approva Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar l-EIDHR fl-2009 [11], billi għamel reviżjoni tal-istrument u pprovda rakkomandazzjonijiet speċifiċi.

2.6 B'din l-Opinjoni, il-KESE għandu l-ħsieb li jibni fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet, ifassal aktar proposti dwar ir-regolament propost, u jikkunsidra l-emendi li tressqu reċentement mill-PE.

## 3. **Kummenti addizzjonali**

3.1 Kif kien għamel fl-Opinjoni preċedenti [12], f'dan ir-rapport il-KESE jtenni l-ħtieġa li tingħata importanza akbar lid-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fil-politiki tal-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali permezz tal-użu tal-istrumenti tematiċi disponibbli, bħal dan l-istrument il-ġdid għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Fil-fatt, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali spiss jistgħu jkunu l-punt ta' tluq għal appoġġ sussegwenti għad-drittijiet ċivili u politiċi. Kif indikat il-KE [13], il-globalizzazzjoni, u avvenimenti reċenti bħar-Rebbiegħa Għarbija ħarġu fid-dieher il-fatt li l-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni u l-esplojtazzjoni huma l-isfidi l-ġodda għall-promozzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem. Il-ħarsien tad-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet kollha marbutin miegħu mniżżla fil-konvenzjonijiet tal-ILO, huma aktar minn qabel pilastri ewlenin f'dan ir-rigward. Fuq din il-bażi, il-libertà tal-assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv għandhom jissemmew b'mod espliċitu f'dan ir-regolament, kif ukoll l-appoġġ għall-imsieħba soċjali u għad-djalogu soċjali [14] biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tax-xogħol [15]. Fl-istess ħin, il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġi promoss id-dritt tal-libertà intraprenditorjali, bħala prinċipju ewlieni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali.

3.2 Il-KESE jagħti valur għoli lill-importanza ta' dan l-istrument tematiku li, minħabba l-indipendenza tiegħu, huwa essenzjali għall-preżervazzjoni tal-awtonomija u d-dritt tal-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jkunu qed jindirizzaw il-ksur tad-drittijiet umani u favur il-promozzjoni u l-preżervazzjoni ta' demokrazija ġenwina. Kif qalet sew il-KE fil-Komunikazzjoni reċenti tagħha dwar *L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni* [16] "Soċjetà ċivili mogħtija s-setgħa hija element essenzjali ta' kwalunkwe sistema demokratika u huwa ta' vantaġġ fih innifisu. Hija tirrappreżenta u trawwem il-pluraliżmu u tista' tikkontribwixxi għal politika aktar effettiva, u żvilupp ekwu u sostenibbli u tkabbir inklussiv. Hija għandha rwol importanti fit-trawwim tal-paċi u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti. Billi jartikolaw it-tħassib taċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) huma attivi fl-arena pubblika, u jwettqu inizjattivi sabiex isaħħu d-demokrazija parteċipattiva". Għaldaqstant, il-KESE jappella biex din ir-riżoluzzjoni tipprijoritizza l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluża l-parteċipazzjoni diretta tagħhom fil-mekkaniżmi tad-djalogu dwar il-politiki fil-livell tal-pajjiż, tar-reġjun u dak globali, waqt il-proċessi ta' programmazzjoni ta' dan l-istrument.

3.3 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li nimxu lejn qafas aktar koerenti għall-programmi ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi ħdan l-istrument li huwa s-suġġett ta' din l-Opinjoni, id-DCI (programmi ġeografiċi u tematiċi) u l-EDF. Għaldaqstant nappellaw għal mekkaniżmi ta' koordinazzjoni interna msaħħa waqt il-fażi ta' programmazzjoni fost il-korpi

(8) COM(2011) 844.
(9) Ara l-Pożizzjoni għan-negozjati tal-Parlament Ewropew.
(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. ĠU L 386/1, 29.12.2006.
(11) Ara l-Opinjoni tal-KESE: L-istrument Ewropew għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem (EIDHR), relatur: Giuseppe Iuliano. ĠU C 182, 4.8.2009, p. 13.
(12) Ara l-Opinjoni tal-KESE ĠU C 182, 4.8.2009, p. 13.
(13) Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Id-Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE –lejn approċċ aktar effettiv, COM(2011) 886.
(14) Kif il-KESE indika diġà "id-djalogu soċjali jrid jiġi indikat b'mod espliċitu bħala prijoritarju bħala strument sħiħ, tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentazzjoni kif ukoll tal-konċiljazzjoni tal-gruppi ta' interess, li f'dan il-każ huma l-partijiet soċjali (min iħaddem u ħaddiema). Id-djalogu soċjali huwa mezz li jippermetti t-tlaqqigħ tal-interessi tal-partijiet, li fuq il-bażi tagħhom il-partijiet jilħqu ftehim. Għalhekk dan il-proċess fih il-prinċipju tal-ugwaljanza tar-rappreżentanza, kif ukoll l-affermazzjoni tal-prinċipji bażiċi tad-demokrazija. Għalhekk, id-djalogu soċjali huwa prova konkreta tal-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, li kif jgħid l-istess regolament tal-EIDHR "huma l-kundizzjonijiet għall-pluraliżmu politiku u l-proċess demokratiku"." Ara l-Opinjoni tal-KESE Nru 53/2009, punt 5.2, paġna 9.
(15) F'dan ir-rigward nixtiequ nindikaw li d-djalogu soċjali kien diġà ġie integrat fid-Dokument ta' Strateġija EIDHR 2011-2013, u "id-dritt ta' assemblea u assoċjazzjoni paċifika, inkluż id-dritt li jiġu ffurmati trejdjunjins u s-sħubija magħhom u d-dritt għan-negozjar kollettiv" kien inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali tal-EIDHR 2011.
(16) COM(2012) 492 final.

kkonċernati, bħall-SEAE, id-DEVCO u l-Istati Membri stess. Dan huwa partikolarment veru fil-livell tal-pajjiż, fejn id-delegazzjonijiet tal-UE għandu jkollhom rwol kruċjali fl-assigurazzjoni tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn il-programmi differenti li jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva li jiġu żviluppati Pjani direzzjonali tal-UE għall-impenn mal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili ([17]) fil-livell tal-pajjiż li għandu jattiva u jassigura djalogu strutturat u kooperazzjoni strateġika, filwaqt li jiżdiedu l-koerenza u l-impatt tal-azzjonijiet tal-UE.

3.4 Fuq din il-bażi, huwa fundamentali li tiġi provduta kapaċità adegwata fil-livell tad-delegazzjoni sabiex ikun hemm interazzjoni sħiħa mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jiġu mifhuma l-atturi varji u r-rwoli speċifiċi ta' dawn l-organizzazzjonijiet u b'hekk jiġi assigurat impenn aktar strateġiku. Il-Komunikazzjoni tal-KE stess tiddikjara li "Immappjar regolari u parteċipatorju huwa rrakkomandat, li jkopri d-diversità ta' atturi u jkopri n-netwerks u l-pjattaformi fuq livelli nazzjonali/settorjali." ([18]) Il-KESE jaqbel għal kollox ma' dan l-approċċ, u jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati skemi ta' djalogu inklussivi u trasparenti ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti u rappreżentattivi fil-livell tal-pajjiż.

3.5 Fl-aħħar, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li jiġi involut ukoll fil-fażi ta' programmazzjoni tal-istrument, b'mod partikolari fil-programmazzjoni strateġika annwali u pluriennali u fil-valutazzjonijiet u r-reviżjoni ta' nofs it-term. B'hekk, ikun jista' jgħaddi r-riżultati tal-ħidma li qed iwettaq lill-imsieħba tas-soċjetà ċivili organizzata fil-pajjiżi terzi, li magħhom għandu rabtiet privileġġjati (Round table UE-Indja, iż-żona Ewro-Mediterranja, il-pajjiżi tal-AKP, l-Amerika Latina eċċ). Jitlob ukoll li jiġi kkonsultat fil-qafas tal-valutazzjonijiet u r-reviżjonijiet ta' nofs it-term tal-istrument.

3.6 Il-KESE jrid jaqdi rwol attiv f'dan il-proċess, fuq il-bażi tal-esperjenza tiegħu u n-"netwerks" ta' konsultazzjoni tiegħu (imsieħba ekonomiċi u soċjali madwar id-dinja u kunsilli ekonomiċi u soċjali fejn huma attivi u rappreżentattivi).

3.7 Il-KESE jista' jaqdi rwol importanti wkoll fir-rigward tas-soċjetà ċivili organizzata fil-qasam tas-segwitu li jsir wara l-elezzjonijiet, biex isaħħaħ is-sistemi demokratiċi.

3.8 Tliet snin ilu l-KESE waqqaf Kumitat ta' Monitoraġġ tal-EIDHR li kellu bħala missjoni: (i) jirrispondi għat-talbiet urġenti ta' konsultazzjoni fil-qasam tal-proċeduri l-ġodda stabbiliti għall-istrumenti finanzjarji, u (ii) jissorvelja l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-EIDHR. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ kien inkarigat ukoll biex janalizza l-istrumenti l-oħra tal-UE li jaħdmu f'pajjiżi terzi u kellu kooperazzjoni effettiva mal-Kummissjoni u l-Parlament. Il-Kumitat attwali jista' jiżviluppa f'sottokumitat aktar strutturat tal-KESE li jista' jikkollabora ma' programmi differenti ta' appoġġ disponibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taħt l-istrumenti finanzjarji varji tal-UE.

Brussell, 15 ta' Novembru 2012.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Staffan NILSSON

([17]) L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni COM(2012) 492 final, p. 9.
([18]) COM(2012) 492 final.